23 ta' Ġunju, 1962

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Rev. Padre Leopoldo, O.F.M. Capp.

*versus*

Perit Dominic Mintoff, B.Sc., B.E. & A., M.A.(Oxon), A. & C.E.

**Libell — Inġurja Kollettiva — Identifikazzjoni tal-Persuna Inġurjata — Kwerela — Prova — Minaċċja.**

*Hu veru li skond id-dottrina, trattandosi ta' kollettività żgħira, kull wieħed minnhom jista' jfittex għall-inġurja diretta lill-membri ta' dik il-kollettività; imma meta l-kwerela tkun redatta b'mod li turi li l-kwerelant qiegħed jaġixxi bl-azzjoni tiegħu nominattivament, u mhux bħala membru tal-kommunità li minnha jifforma parti, allura l-kontroeċċezzjoni tal-kwerelant, fis-sens li hu faċilment identifikabbli għax*

*il-kommunità li minnha jagħmel parti hija żgħira ħafna, ma tistgħax tiddirimi l-eċċezzjoni tal-kwerelat, fis-sens li tonqos l-identifikazzjoni tal-kwerelant; u allura l-Qorti għandha tara jekk din l-identifikazzjoni tirriżultax jew le indipendentement minn dik il-kontro-eċċezzjoni.*

*Hu wkoll prinċipju dottrinali illi l-persuna milquta bil-kliem inkriminat tista' tkun jew aċċertata jew aċċertabbli; u hu biżżejjed li l-provi juru li dawk il-kliem jirriferixxu għall-kwerelant, għalkemm dan ma jkunx ġie msemmi b'ismu. U ma jistgħax jiġi favorevolment mismugħ il-kwerelat filli jagħti l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' identifikazzjoni tal-kwerelant, meta huwa stess, fil-kors tal-ġudizzju, jaċċetta li r-riferenza kienet għall-kwerelant.*

*Hi korretta l-propożizzjoni illi bniedem ma għandux jiġi ritenut ħati ta' inġurja għax irripeta ma' ħadd ieħor kliem li bniedem ieħor qal fis-sens li jimminaċċja; imma allura hemm bżonn li hu jipprova a soddisfazzjon tal-Qorti li dak il-bniedem l-ieħor tassew qal dak il-kliem minatorju, jew oħrajn simili, għad-dannu tiegħu. Jekk din il-prova ma tirnexxix, allura l-pożizzjoni titbiddel għal kollox, u l-addebitu ta' minaċċja magħmul lil dak il-bniedem l-ieħor, mhux pruvat, jittrasforma ruħu f'inġurja għad-dannu tal-persuna pretiża, iżda mhux pruvata, minaċċjanti. U f'każ ta' dubju dwar din il-prova, id-dubju għandu jmur favur il-persuna nġurjata, skond il-prinċipju tradizzjonali u sekolari fl-istorja ġuridika ta' Malta.*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela magħmula mir-Reverendu Padre Leopoldo kontra l-Perit Dominic Mintoff talli dan, f'dawn l-aħħar tliet xhur, fir-Raħal Ġdid, inġurjah;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fil-5 ta' April 1962 li biha sabet lill-kwerelat ħati skond il-kwerela u kkundannatu għall-multa ta' £5; bl-ispejjeż;

Rat ir-rikors tal-appell tal-kwerelat, li bih talab li dik is-sentenza tiġi revokata, u li hu jiġi dikjarat mhux ħati u liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-kliem inkriminati mill-kwerelant huma dawk kontenuti fid-dokument fol. 9, li tant il-kwerelant, kemm ukoll il-kwerelat, jaqblu li kienu dawk li qal il-kwerelat Perit Mintoff fil-meeting politiku li sar fir-Raħal Ġdid il-Ħadd, 26 ta' Novembru 1961;

L-ewwel eċċezzjoni tal-kwerelat hija dik ta' nuqqas ta' identikazzjoni tal-kwerelant bħala l-patri tal-kunvent imsemmi fid-diskors inkriminat;

Kontra din l-eċċezzjoni l-kwerelant Padre Leopoldo oppona l-kontro-eċċezzjoni li fil-Kunvent tal-Mensija, hemm imsemmi, ma hemmx ħlief kommunità żgħira ta' sitt reliġjużi (li wieħed minnhom ikun jattendi fl-Isptar), u li għalhekk hu kien intitolat, bħala wieħed minn dawk ir-reliġjużi, jazzjona lill-kwerelat Perit Mintoff. Issa, hu veru li skond id-dottrina (ara Hickson & Carter-Ruck, The Law of Libel and Slander, p. 45), trattandosi ta' kollettività żgħira ("small and ascertainable"), kull wieħed minnha jista' jfittex; iżda fil-każ preżenti l-kwerela fol. 2, redatta b'mod li turi li l-kwerelant qiegħed jistitwixxi l-azzjoni tiegħu nominattivament, u mhux bħala membru ta' dik il-kommunità, għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, il-kontro-eċċezzjoni tal-kwerelant ma tistgħax tiddirimi l-eċċezjoni tal-kwerelat;

Il-Qorti, għalhekk, għandha tara jekk din l-identifikazzjoni tirriżultax jew le indipendentement mill-imsemmija kontro-eċċezzjoni;

Issa, fid-diskors tiegħu l-kwerelat irriferixxa ruħu għall-Patrijiet tal-Kunvent partikulari f'dak il-post partikulari minnu msemmi; l-ema Kunvent jikkonsisti f'ħamsa jew al-pjù sitt patrijiet. Għalhekk diġa', sa hawn, ir-riferenza tiġi ristretta għal sitta minn nies determinati. Mbagħad hemm riferenza għal ċirkustanzi oħra, għall-viżita tal-kwerelat f'dak il-post, għad-dimostrazzjoni ostili li saritlu minn xi tfal għall-fatt li kien akkompanjat minn persuna oħra li ħadet għaliha minħabba dak l-għajjat tat-tfal, li għalhekk ittelefonat lil patri tal-kunvent u staqsietu l-għaliex kienu qegħdin jgħallmu t-tfal biex jagħmlu hekk, u li dan il-patri kien irrispondieh "tra altro" illi, kieku hu

kien jaf li kellu jiġi l-kwerelat Perit Mintoff, kien hu stess jiġi biex jassassinah b'sikkina. Issa, hu prinċipju dottrinali (ara Odgers, *On Libel and Slander*, p. 147) *illi l-persuna* milquta bil-kliem inkriminati tista' tkun jew "ascertained" jew "ascertainable". Issa, mill-provi prodotti mhux biss mill-kwerelant, imma anki minn dawk tal-istess kwerelat, jibqa' bla dubju aċċertat li l-patri li għalieh kien qed jirriferixxi l-kwerelat kien appuntu l-kwerelant Padre Leopoldo Jgħid a propożitu l-Frola, "Delle Ingiurie e Diffamazioni", p. 245:— "Ma per l'esercizio dell'azione non è necessario che il nome dell'ingiuriato accompagni l' ingiuria stessa, se dalle frasi usate rimanga accertato e palese la *persona cui mirava*";

Hu ta' min jinnota li l-istess kwerelat Perit Mintoff, fix-xhieda tiegħu qal li kien ikun qed jigdeb kieku kellu jgħid li ma kellu lil ħadd f'rasu meta qal dawk il-kliem, u dan, il-kwerelat qalu in risposta għal domanda awto-proposta "Int f'rasek ma kellekx xi ħaġa? Min seta' kellek ħlief Padre Leopoldo?" Issa fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jistgħax jiġi favorevolment mismugħ kwerelat filli jagħti l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' identifikazzjoni tal-kwerelant *meta hu stess, fil-kors tal-ġudizzju, jaċċetta li r-riferenza* kienet għall-kwerelant, għaliex altrimenti jista' jkun hemm lok għall-inkonvenjent, mhux biss serju, imma anki perikolus u nġust, li bniedem jagħmel riferenzi, velati u vagi, inġurjużi għal bniedem ieħor, u jiddefendi ruħu b'dik l-eċċezzjoni, avvolja fil-kawża jgħid li hu kien qiegħed jirriferixxi għal dak il-bniedem l-ieħor u b'dan il-mod tista' tiġi sanċita l-impunità tal-inġurja;

Għalhekk, din il-Qorti tirritjeni li l-kwerelant ġie iden*tifikat bħala l-persuna li għaliha kien qiegħed jirriferixxi* l-kwerelat;

Ikkunsidrat;

Il-kwerelat issolleva wkoll eċċezzjoni oħra, li hi din. Huwa qal, permezz tad-difensur tiegħu, illi, jekk hu veru li l-kwerelant Padre Leopoldo qal dawk il-kliem, li ċjoè, kieku kien jaf li l-kwerelat kien sejjer jiġi l-Mensija, hu stess kien imur jassassinah b'sikkina, jew, s'intendi, kliem simili, allura *l-fatt li l-kwerelat semma dawk il-kliem ma ħix in-*

ġurja. Issa bħala propożizzjoni, din hi korretta. Infatti jekk il-kwerelat jirnexxilu jipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi verament il-kwerelant Padre Leopoldo qal dawk il-kliem jew kliem ekwipollenti, allura jkun ġuridikament assurd li l-kwerelat jiġi ritenut ħati ta' nġurja; mhux tant minħabba li tkun raġġunta dik li tissejjaħ "la verità del convicio", imma għaliex ma hux, la loġiku, u lanqas ġust, li jiġi nkolpat bir-reat ta' nġurja l-bniedem li jirripeti l-minaċċja magħmula għad-dannu tiegħu. Minn naħa l-oħra, jekk il-kwerelat ma jirnexxilux jipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi verament il-kwerelant qal dawk il-kliem minatorji jew oħrajn simili, allura l-pożizzjoni titbiddel għal kollox, u l-addebitu ta' minaċċja, mhux pruvat, jittrasforma ruħu f'inġurja għad-dannu tal-persuna pretiża, iżda mhux pruvata, minaċċjanti;

Qiegħed jingħad "jekk il-kwerelat jirnexxilu jipprova"; u qiegħed jingħad hekk għaliex l-istess eċċezzjoni tal-kwerelat tippostula li jiġi assodat li l-kwerelant għamel dik il-minaċċja li hi reat, u għalhekk il-kwerelat, b'dik l-eċċezzjoni, qiegħed isir akkużatur, u bħala tali obligat jipprova l-akkuża; u hu obligat jippruvaha, kif esprima ruħu Chief Justice Tindal fil-kawża Chalmers vs. Shackell 6. C & P, p. 178, u kif qal ukoll Chief Justice Lord Denman in Wilmett v. Harmer. 8 C & P. page 697, "as strictly as an indictment for the offence which it imputes". Kif jgħid ukoll il-Frola, p. 160, il-prova tal-verità għandha tkun "larga, piena e sicura". Id-dottrina wkoll tavverti li l-istat subjettiv ta' ċertezza li jista' jkollu l-kwerelat meta qal il-kliem inkriminati ma għandux jiġi konfus mal-istat objettiv tal-verità tal-akkuża li hu jkun għamel lill-kwerelant, u ebda bwona fede ma tista' tiswielu (ibidem paġ. 160, u nota (1) in kalċe); u hu naturali li jkun hemm għax, ħaseb x'ħaseb il-kwerelat, l-inġurja l-istess tkun saret;

Mela din il-Qorti għandha tara jekk il-kwerelat Perit Mintoff ippruvax li Padre Leopoldo qal dawk il-kliem jew oħrajn simili; u qiegħed jingħad "kliem simili", għaliex dik li tissejjaħ "a slight inaccuracy" ma tostakolax is-suċċess tal-eċċezzjoni, jekk dik li tissejjaħ "the substantial imputation" tkun pruvata;

Issa, l-istat tal-provi hu dan li sejjer jingħad;

Antonia Pisani xehdet li fl-20 ta' Novembru 1961, fl-okkażjoni meta l-kwerelat Perit Mintoff kien tela' l-Mensija biex jippresta lill-żewġha s-serviġi tiegħu professjonali, xi tfal u xi mara kienu mmolestaw lill-kwerelat, u minflok ma rrikorriet lill-Pulizija hija ttelefonat lill-kwerelant Padre Leopoldo, peress li hi u żewġha kienu ħbieb tiegħu, u lmentat miegħu fuq dan it-trattament tal-Perit Mintoff. Kompliet tgħid li Padre Leopoldo, "tra altro", qalilha li, kieku kien jaf, kien imur hu stess u jiftaħlu qalbu bi stallett. Kontra l-kredibbilità ta' din ix-xhud ma rriżulta xejn għal dak li jirrigwarda il-kondotta jew karattru tagħha; u lanqas ġie allegat li hija kienet f'rapporti ħżiena mal-kwerelant; anzi pjuttost jidher li hi u żewġha kienu ħbieb miegħu:

Inġiebu tliet xhieda — Edgar Dimech, Grezzju Borg u Alberto Teuma; u dawn qalu li kienu preżenti meta x-xhud Antonia Pisani ttelefonat lil Padre Leopoldo u li lmentat miegħu dwar l-imġieba ta' dawk it-tfal mal-Perit Mintoff. Wara ftit ġie żewġha (mix-xhieda tagħha jirriżulta li ġie xi kwarta jew għaxar minuti wara), u quddiem dawn it-tliet xhieda hi qaltlu li Padre Leopoldo kien qalilha li, kieku kien jaf li l-Perit Mintoff kien ġej, kien imur hu stess u jniffidlu qalbu bi stallett. Dawn it-tliet xhiediet ma jistgħux legalment jitqiesu bħala konferma tax-xhieda ta' Antonia Pisani, għal dawn ir-raġunijiet:— (1) Għaliex f'każ ta' xorta waħda biss ta' reati dak li jgħid is-suġġett passiv ta' reat immedjatament, jew mal-ewwel opportunità, jista' jinġieb bħala konferma tal-konsistenza tar-rakkont tiegħu, ċjoè f'każi ta' reati karnali (Harris & Wilshere, Crim. Law, pp. 430, 431), u l-każ preżenti ma għandux x'jaqsam ma' dik ix-xorta; u minbarra hekk, Antonia Pisani ma kienetx is-suġġett passiv tal-minaċċja minnha allegata, imma kien il-kwerelat; (2) għaliex, peress li l-kliem intqalu minn Pisani lill-żewġha xi kwarta jew għaxar minuti wara, għalhekk ma jistgħux jitqiesu bħala parti tar-"res gesta", imma, huma kif jesprimi ruħu l-Harris (Wilshere edit. Crim. Law, p. 430), a narrative of past events u mhux "part of the transaction"; minbarra dejjem li Antonia Pisani ma kienetx is-suġġett passiv tal-allegata minaċċja (ara wkoll, għal dak li jirrigwarda r-"res gesta", l-osservazzjonijiet kontenuti fis-

sentenza riportata fil-"Leading Cases Illustrating the Criminal Law" tal-Wilshere, p. 448 et seq.). Dawk ix-xhiediet tat-tliet xhieda fuq imsemmijin huma, għalhekk, "dictum de dicto", li ma humiex attendibbli bħala konferma tax-xhieda ta' Antonia Pisani;

L-istess jingħad għax-xhieda ta' żewġha Antonio Pisani, in kwantu dan jgħid li martu qaltlu li Padre Leopoldo kien qalilha dawk il-kliem. "Pro tanto", ix-xhieda ta' Antonio Pisani hija "per relatum", u għalhekk bħala konferma tax-xhieda ta' Antonia Pisani ma hix attendibbli;

Il-kwerelant Padre Leopoldo ċaħad reċiżament li hu qal dawk il-kliem jew kliem ieħor simili. Xejn ukoll ma ġie pruvat kontra l-kredibbilità tiegħu;

Kwantu għax-xhieda ta' Joseph Vella, din ma tistgħax titqies li twaqqa' x-xhieda ta' Antonia Pisani, għaliex Antonio Pisani ma qalx lil Padre Leopoldo quddiem dan ix-xhud li lill-martu Padre Leopoldo ma kienx qal dawk il-kliem, imma li "lilu" ma kienx qallu hekk, u dak il-ħin daħlet fil-mara ta' Pisani, Antonia Pisani, u qalet lil Padre Leopoldo "Iva, lili għidtli hekk", u Pisani deher li kien qiegħed jaqbel mal-mara tiegħu;

Lanqas jidhrilha din il-Qorti illi x-xhieda ta' Padre Mario tista' titqies b'sikurezza bħala konferma ta' dik ta' Padre Leopoldo; għaliex il-Qorti ssibha diffiċli li tipperswadi ruħha b'ċertezza li dawk il-kliem, jekk intqalu, ma setgħux sfuġġew lil Padre Mario, una volta li dan, avvolja jeskludihom, qal però li jista' jkun li ntqal xi ħaġa li hu ma semagħhiex;

Għalhekk din il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul fuq dan il-kwadru ta' provi, issib li "tutto sommato", verament u in sostanza l-provi jirriduċu ruħhom għax-xhieda ta' Antonia Pisani u x-xhieda ta' Padre Leopoldo. Ix-xhieda ta' Pisani tafferma li ntqalu dawk il-kliem ta' minaċċja mentri x-xhieda l-oħra ta' Padre Leopoldo tiċħadhom; u ntant ma hemmx fir-riżultanzi proċesswali ebda raġuni suffiċjentement qawwija biex il-Qorti tħossha ġustifikata li tiskarta x-xhieda ta' Antonia Pisani jew tiskarta x-xhieda ta' Padre Leopoldo, jew inkella biex taċċetta x-xhieda waħda in pre-

ferenza tal-oħra. Per konsegwenza, dan il-konflitt bejn iż-żewġ xhiediet joħloq, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u fuq l-isfond tal-provi, perplessità, u għalhekk tabilfors jibqa' fl-animu tal-ġudikant dubju serju dwar il-verità o meno tal-minaċċja; liema dubju, skond il-prinċipji tradizzjonali in materja, għandu jirsolvi ruħu favur il-kwerelant Padre Leopoldo bħala l-persuna akkużata, in vija ta' eċċezzjoni, b'dik il-minaċċja; u f'dawn il-kontinġenzi ma jistgħax, għalhekk, jingħad illi l-kwerelat Perit Mintoff issoddisfa l-piż tal-prova, preċiża u rassikuranti, li bħala kwerelat trasformat f'akkużatur kienet tmiss lilu;

Ma hemmx bżonn jingħad li dan il-prinċipju tar-riżoluzzjoni tad-dubju favur il-persuna akkużata hu tradizzjonali u ultra-sekolari fl-istorja ġuridika ta' Malta; u jiswew, biex jillustrawh il-kliem li, hawn Malta stess, kien qal il-Prim Imħallef ta' allura, Sir John Stoddart, lill-ewwel ġurati maltin fil-15 ta' Frar 1830:— "Having paid scrupulous attention to the evidence, and having exercised on its purport a sound judgment, you come next to deliver on it a conscientous verdict. Now, you are to decide that the facts are proved or not proved. You are not to decide that they are absolutely true or false, for pure and absolute truth is in many things known to the Almighty only. But you are to declare whether, judging impartially and to the best of your ability, you do in your inmost souls and consciences believe those facts to be true . . . . If, after every serious endeavour to find out the truth, you still remain in doubt, you must say that the fact charged is not proved, for indeed to you it will not then be proved clearly and satisfactorily";

Konsegwentement jekk il-minaċċja ma ġietx pruvata mill-kwerelat, li mputaha lill-kwerelant, isegwi li l-addebitu magħmul mill-kwerelat lill-kwerelant f'meeting publiku, fis-sens li l-kwerelant kien qal li ried jassassinah b'sikkina, hu nġurjus;

Il-kwerelat, fil-kors tax-xhieda tiegħu, qal li hu ma kellu ebda raġuni biex jiddubita li dak li kienet qalet Antonia Pisani ma kienx veru. A propożitu, jiswa l-monitu tal-awtur Hickson & Carter-Ruck (Libel and Slander, pp. 111-112), fejn jgħid illi r-ripetizzjoni ta' kliem ta' ħadd ieħor

is a dangerous practice unless one is in a position to prove the truth"; u l-Odgers (On Libel and Slander, p. 173) jgħid:— 'It is no defence that the speaker did not originate the slander, but heard it from another, even though...... he bona fide believed it to be true". U l-Gatley josserva, bir-raġun (On Libel and Slander, p. 107) li minn xi daqqiet ir-ripetizzjoni tkun aktar gravi, minħabba fiċ-ċirkustanzi konkomitanti, milli jkunu l-kliem oriġinali, bħal fil-każ tal-lum, fejn il-kliem intqalu, sija pure b'ripetizzjoni ta' dak li kienet qalet Pisani, mhux lil tnejn minn nies, imma f'meeting publiku affollat, u minn persuna ta' mportanza ferm aktar minn dik ta' Pisani. Lanqas għandu wieħed jinsa li l-kwerelat irripeta dawk il-kliem, b'tant publiċità, fuq id-diskors ta' persuna waħda, li hu lanqas kien jaf tajjeb ħlief li kien jippresta serviġi professjonali lill-żewġha;

Il-kwerelat Perit Mintoff għamel ħafna enfasi fix-xhieda tiegħu fuq li hu ma ried jinġurja lil ħadd, għax kieku kien isemmi l-isem tal-kwerelant, u li hu ried biss jillustra lil dawk tal-meeting, b'fatt attwali, l-argument tiegħu li, mentri n-naħa l-oħra kienet qegħdha tikkundanna l-vjolenza din kienet, fil-fehma tiegħu, ipokrisija, ladarba (kompla jgħid) il-vjolenza kienet qegħdha tiġi nkoraġġita. Hu ovvju, però, li dan ma jistgħax jiskaġuna lill-kwerelat għaliex, jekk, biex jintlaħaq l-iskop tal-argument, wieħed jgħid kliem li fil-fatt huma nġurjużi għal ħadd ieħor, allura l-fini tal-argument, tajjeb dan jew ħażin, ma jneħħix l-inġurja, meta l-kliem huma minnhom infushom inġurjużi;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tiċħad l-appell, u fis-sens tal-motivi su-esposti tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-kwerelat appellant, tassabbli "uti infra": Tnax il-xelin għas-seduta tat-12 ta' Mejju 1962, u għaxar xelini għal dik tal-lum.